



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 1.12.2011
SEG(2011) 1456 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Sommarju tal-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Dokument ta' akkumpanjament għall-

Proposta għal Regolament dwar ir-regoli u proċeduri li jikkonċernaw l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju fl-ajruporti tal-Komunità li jirrevoka d-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002

Sommarju tal-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

{KUMM(2011) 828 finali}
{SEG(2011) 1455 finali}

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Sommarju tal-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Dokument ta' akkumpanjament għall-

Proposta għal Regolament dwar ir-regoli u proċeduri li jikkonċernaw l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju fl-ajruporti tal-Komunità li jirrevoka d-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002

Sommarju tal-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

1. Fil-kuntest regolatorju ffurmat mill-obbligi tal-ICAO¹ u mill-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-Direttiva 2002/30/KE² (minn hawn 'il quddiem, “id-Direttiva”), li tidħol fl-ambitu tad-Direttiva dwar l-Istorbju Ambjentali³, hija parti mill-“approċċ bilanċjat” tal-ġestjoni tal-istorbju fl-ajruporti tal-UE.
2. L-għan tad-Direttiva huwa li tiffaċilita l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi b'mod konsistenti fil-livell tal-ajruporti sabiex jiġi limitat jew jitnaqqas l-ammont ta' persuni li jintlaqtu ħażin ħafna mill-effetti ta' ħsara tal-istorbju.
3. Għal dan il-fini, id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi fl-ajruporti tal-UE, li għandhom jissalvagwardjaw il-protezzjoni tal-ambjent fl-inħawi tal-ajruporti b'mod li jkun kompatibbli mar-rekwiżiti tas-suq intern billi jitqiesu restrizzjonijiet operattivi simili f'ajruporti li jkollhom problemi ta' storbju relattivament simili.
4. Il-qafas komuni jinkludi:
 - *regoli dwar il-mod li bih għandu jitwettaq il-proċess tal-valutazzjoni tal-istorbju*, li għandu jitqies qabel ma jiġu introdotti restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju. Ir-

¹ Fl-2001, l-Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem, ICAO) approvat il-kunċett ta' “Approċċ Bilanċjat” għall-ġestjoni tal-istorbju ta' inġenji tal-ajru. L-Approċċ Bilanċjat tal-ICAO joffri qafas ta' politika għat-tnaqqis tal-istorbju fl-ajruporti b'mod kosteffikaċi u billi juża r-restrizzjonijiet fuq l-operat mhux bħala l-ewwel soluzzjoni, iżda wara li jitqiesu miżuri oħra possibbli biss, jiġifieri t-tnaqqis tal-istorbju mis-sors, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-użu tal-art, il-proċeduri operattivi għat-trażżin tal-istorbju u r-restrizzjonijiet operattivi. .

² Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (Test b'relevanza għaż-ŻEE). ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40–46.

³ Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni [ġestjoni] tal-ħsejjes ambjentali – Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fil-Laqgħa Konċiljatorja dwar id-Direttiva relatata mal-istudju u l-amministrazzjoni [ġestjoni] tal-ħsejjes ambjentali

restrizzjonijiet operattivi huma definiti bħala azzjonijiet relatati mal-istorbju li jillimataw jew inaqqsu l-aċċess tal-ajruplani bil-jet subsoniċi ċivili għal ajruport.

- *regoli speċifiċi dwar l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi mmirati sabiex jiġu rtirati l-inġenji tal-ajru li jkunu marġinalment konformi (minn hawn 'il quddiem, MCA - marginally compliant aircraft), li huma l-aktar inġenji tal-ajru storbuġi tal-flotta ta' inġenji tal-ajru. Fid-Direttiva, dawn huma definiti bħala ajruplani li jkollhom marġni kumulattiv ta' mhux aktar minn 5 decibel fir-rigward tal-limiti ta' ċertifikazzjoni tal-istorbju tal-Kapitolu 3.*
 - *proċedura⁴ li għandha tiġi segwita mill-awtoritajiet rilevanti dwar l-introduzzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni operattiva ġdida.*
5. Fid-dawl tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li, meta jitqiesu l-limitazzjonijiet intrinsiċi għall-inizjattiva tal-UE indikata hawn fuq, ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti bid-Direttiva dwar il-mod li bih l-ajruporti tal-UE jintroduċu r-restrizzjonijiet operattivi attwalment ma jiġux applikati b'mod konsistenti u l-impatt tagħhom huwa limitat. Dan jinħass, b'mod partikolari, f'żewġ livelli:
- L-ewwel nett, ir-regoli speċifiċi dwar l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi mmirati sabiex jiġu rtirati l-inġenji tal-ajru li jkunu marġinalment konformi m'għadhomx fis-seħħ. Fil-fatt, maż-żmien, l-għadd ta' MCA naqas għal ammont relattivament żgħir minħabba li ġew sostitwiti b'mod naturali permezz ta' żvilupp teknoloġiku. Id-definizzjoni tal-MCA m'għadhiex tintuża u l-perjodu korrispondenti għat-tneħħija gradwali m'għadux xieraq.
 - It-tieni nett, il-partijiet interessati indikaw li, fil-qafas legali attwali, ir-restrizzjonijiet operattivi jitqiesu b'modi differenti f'ajruporti li għandhom problemi tal-istorbju relattivament simili, u dan iwassal għal distorsjonijiet potenzjali tas-suq. Din is-sitwazzjoni hija dovuta għall-fatt li r-regoli eżistenti dwar il-mod li bih għandu jitwettaq il-proċess tal-valutazzjoni tal-istorbju mhumiex ċari u preċiżi biżżejjed. Barra minn hekk, il-proċedura eżistenti għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi hija meqjusa bħala dgħajfa wisq.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

6. Id-Direttiva tikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-sistema Ewropea tat-trasport bl-ajru. Din id-Direttiva tindirizza l-għanijiet tal-Artikoli 90 u 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
7. Skont l-Artikolu 4 tat-TFUE, l-azzjoni tal-UE fir-rigward ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju, bħala parti mill-politika komuni dwar it-trasport, għandha tkun ġustifikata. Għalhekk, f'dan il-każ huwa meħtieġ li jiġi rispettatt il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan jinvolvi l-valutazzjoni ta' żewġ aspetti.
8. L-ewwel nett, il-valutazzjoni ta' jekk l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma setgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri fil-qafas tas-sistema kostituzzjonali

⁴ Din il-proċedura tkopri aspetti bħall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, l-informazzjoni preliminari tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri l-oħra u d-dritt ta' appell.

nazzjonali tagħhom, l-hekk imsejjaħ “test tan-neċessità”. F’dan il-każ, din il-ġustifikazzjoni hija bbażata fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li r-regoli u l-proċeduri internazzjonali jiġu implimentati mill-Istati Membri b’mod uniformi u effiċjenti sabiex l-operaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE jingħataw kundizzjonijiet ekwi.

9. It-tieni nett, għandu jitqies jekk l-għanijiet jistgħux jintlaħqu aħjar b’azzjoni min-naħa tal-UE u kif dan jista’ jsir, l-hekk imsejjaħ “test tal-valur miżjud Ewropew”. Il-valur miżjud tal-UE fir-rigward ta’ din l-inizjattiva għandu jiġi mill-implimentazzjoni ta’ miżuri li jqisu s-sitwazzjoni ta’ diversi ajruporti filwaqt li, fl-istess ħin, jiġi żgurat li r-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju jiġu implimentati b’mod kosteffikaċi f’postijiet fejn is-sitwazzjoni tal-istorbju tesiġi li tittieħed azzjoni, u li jinstab bilanċ imfassal lokalment u xieraq bejn id-diversi għanijiet ta’ politika tat-trasport u dawk ambjentali. Kwalunkwe azzjoni individwali li tittieħed fil-livell tal-Istati Membri, potenzjalment, tista’ tippreġudika l-funzjonament tas-suq intern.

3. GĦANIJET TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

10. Fil-qafas regolatorju speċifiku indikat hawn fuq, l-*għan ġenerali tal-politika* ta’ din l-inizjattiva huwa li tarmonizza u ssaħħaħ aktar ir-regoli u l-proċeduri komuni li jikkonċernaw l-introduzzjoni ta’ restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju fl-ajruporti tal-UE, bħala parti mill-proċess tal-ġestjoni tal-istorbju.
11. Il-qafas komuni rivedut b’dan il-mod għandu jippromwovi l-aktar soluzzjonijiet kosteffikaċi għal problemi relati mal-istorbju, liema soluzzjonijiet ikunu mfassla biex jintlaħqu l-għanijiet tal-kwalità tal-istorbju kif stabbiliti mir-regoli tal-UE, nazzjonali jew lokali. Dan il-qafas għandu jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħaq l-*għan ġenerali tal-politika* dwar l-istorbju li jiġu evitati, prevenuti u mnaqqsa, skont il-prijorità, l-effetti ta’ ħsara, inkluż il-fastidju, dovuti għall-esponiment għall-istorbju ambjentali⁵.
12. Fid-dawl tal-kawżi fundamentali tal-problemi li ġew identifikati, l-*għan ġenerali tal-inizjattiva* proposta jista’ jiġi tradott f’*għanijiet* aktar *speċifiċi*:
 - (1) Is-sett ta’ regoli dwar MCA għandu jsir aktar effikaċi billi ssir reviżjoni tad-definizzjoni ta’ MCA u tad-dispożizzjoni korrispondenti dwar it-tneħħija gradwali tagħhom⁶;
 - (2) Għandu jiġi żgurat li, f’ajruporti li għandhom problemi tal-istorbju relattivament simili, ir-restrizzjonijiet operattivi jitqiesu b’mod konsistenti billi:
 - jiġi ċċarat il-mod li bih għandu jitwettaq il-proċess tal-valutazzjoni tal-istorbju;
 - jiġi msaħħaħ il-qafas proċedurali li jwassal għall-introduzzjoni ta’ restrizzjonijiet operattivi.

⁵ Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar l-Istorbju Ambjentali (2002/49/KE).

⁶ Dan għandu jinvolvi r-reviżjoni tal-Artikolu 2 (d) u l-Artikolu 6 tar-“Regoli dwar l-introduzzjoni ta’ restrizzjonijiet operattivi mmirati sabiex jiġu rtirati l-inġenji tal-ajru li jkunu marġinalment konformi”.

13. Sabiex jiġi evalwat il-progress li jsir biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali u speċifiċi tal-politika, qed jiġu proposti dawn l-għanijiet operattivi tal-politika:

- Il-proporzjon ta' kerfjus ġodda għall-għadd totali ta' restrizzjonijiet operattivi għandu jiġi mraġżan għal livell li jkun komparabbli mal-livell miksub minn potenzi ekonomiċi oħra sal-2020 filwaqt li jitnaqqsu, jew tal-anqas jiġu mraġżna, il-livelli ta' esponiment taċ-ċittadini għall-istorbju;
- Ir-restrizzjonijiet operattivi l-ġodda kollha għandhom jinkludu miżuri li jindirizzaw l-MCA, bil-għan li l-istorbju jitnaqqas kemm jista' jkun.

4. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

14. Il-loġika li tintuża fit-tfassil tal-Alternattivi ta' Politika tindika l-interazzjoni ta' bejn iż-żewġ problemi. Kull waħda mill-Alternattivi ta' Politika hija magħmula minn żewġ komponenti ewlenin li jindirizzaw waħda mill-problemi kull wieħed. Barra min hekk, kull Alternattiva ta' Politika tiġi mfassla biex iżżomm tal-anqas l-istess klima ta' storbju bħal fil-każ ta' xenarju ta' "kollox jibqa' kif inhu" (Alternattiva Numru 1). Il-fattur li jiddistingwi l-Alternattivi ta' Politika huwa l-intensità tal-intervent li, skont liema tkun l-alternattiva, ikun akbar għall-ewwel problema u iżgħar għat-tieni waħda. Ladarba jiġu indirizzati l-kwistjonijiet relatati mal-MCA (il-Problema 1), dan għandu jwassal għal inqas restrizzjonijiet operattivi u/jew għal restrizzjonijiet operattivi li jkunu ffokati aħjar li jaffettwaw l-inġenji tal-ajru li ma jkunux marġinalment konformi (inqas storbjużi). Minn hekk toħroġ l-importanza tal-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni korretta tal-Approċċ Bilanċjat (il-Problema 2) għat-tnaqqis tal-inġenji tal-ajru msemmija l-aħħar.

Tabella 1: Immappjar tal-problemi, kawżi u għanijiet

<i>Għanijiet Speċifiċi</i>	<i>Alternattivi ta' politika</i>		
	PO2	PO3	PO4
Ir-regoli speċifiċi dwar l-MCA għandhom isiru effikaċi billi:			
issir revizzjoni tad-definizzjoni li m'għadhiex tintuża ta' MCA	Tinbidel id-definizzjoni ta' MCA biex tinkludi inġenji tal-ajru tal-Kapitolu 3-12 tal-istandard EPNdB	Tinbidel id-definizzjoni ta' MCA biex tinkludi inġenji tal-ajru tal-Kapitolu 3-10 tal-istandard EPNdB	Tinbidel id-definizzjoni ta' MCA biex tinkludi inġenji tal-ajru tal-Kapitolu 3-8 tal-istandard EPNdB
jintgħażel perjodu korrispondenti xieraq għat-tneħħija gradwali	Tneħħija gradwali kompleta permessa fi żmien erba' (4) snin	Tneħħija gradwali kompleta permessa fi żmien sentejn (2)	Tneħħija gradwali kompleta permessa fi żmien sentejn (2)
<i>Għandu jiġi żgurat li, f'ajruporti li għandhom problemi tal-istorbju relattivament simili, restrizzjonijiet operattivi simili jitqiesu b'mod konsistenti billi:</i>			
jiġi msaħħaħ il-qafas proċedurali	Fil-livell tal-UE, tiġi	Fil-livell tal-UE, tiġi	Fil-livell tal-UE, tiġi

li jwassal għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi	stabbilita ċellola ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Approċċ Bilanċjat	stabbilita ċellola ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Approċċ Bilanċjat	stabbilita ċellola ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Approċċ Bilanċjat
jiġi ċċarat u speċifikat il-mod li bih għandu jitwettaq il-proċess tal-valutazzjoni tal-istorbju;	Regoli addizzjonali dwar l-ambitu tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati	Regoli addizzjonali dwar l-ambitu tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati	Regoli addizzjonali dwar l-ambitu tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati
	Ċertezza legali ta' livell oġhla għall-proċeduri ta' ksur	Dritt ta' skrutinju tal-Kummissjoni bil-possibbiltà ta' sospensjoni sakemm il-valutazzjoni riveduta titqies bħala adegwata	Skrutinju u awtorizzazzjoni minn qabel, tal-Kummissjoni, obligatorji

15. Attwalment, il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-istorbju fl-ajruporti hija fl-għamla ta' Direttiva. Din l-għażla ta' strument legali sa ċertu punt wasslet għall-varjazzjoni kbira fil-mod li bih ir-restrizzjonijiet operattivi jiġu introdotti fl-Ewropa.
16. Sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati hawn fuq, l-Alternattivi ta' Politika 3 u 4 jipproponu li l-Kummissjoni tingħata dritt ta' skrutinju. Dan huwa ġġustifikat mill-fatt li jekk il-kosteffikaċja ma tintweriex, meta jitqiesu strumenti oħra għall-ġestjoni tal-istorbju, il-Kummissjoni jkollha tiżgura li t-tali miżura tista' tiġi sospiża sakemm il-proċess tal-valutazzjoni jitwettaq b'mod korrett. Ikunu jridu jiġu stabbiliti kriterji trasparenti, applikabbli u interpretati fl-UE kollha dwar il-possibbiltà ta' sospensjoni ta' restrizzjonijiet operattivi.
17. Barra minn hekk, hemm il-fatt li l-Alternattivi ta' Politika jinkludu l-aġġornament tad-definizzjoni ta' MCA. Din id-definizzjoni tkun trid tiġi applikata b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha, peress li hija standard tekniku li dwaru jaqblu l-istess Stati Membri tal-ICAO. Meta titqies il-probabbiltà kbira li din id-definizzjoni tkun trid tiġi emendata fil-ġejjieni biex tinżamm aġġornata mal-progress xjentifiku u r-rinnovament awtonomu tal-flotta tal-inġenji tal-ajru, l-Alternattivi ta' Politika kollha jipprovdu għall-possibbiltà tal-aġġornament tad-definizzjoni ta' MCA permezz ta' att delegat mill-kumitat xieraq.
18. Abbażi tal-argumenti msemmija hawn fuq, Regolament x'aktarx li jkun l-aktar strument xieraq biex it-tibdil fil-politika jsir leġiżlazzjoni.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

19. L-analiżi tal-impatti turi li t-tliet Alternattivi ta' Politika għandhom impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali ċari.

- Mil-lat ekonomiku, l-Alternattiva ta' Politika 2 tidher li hija kumplessivament preferibbli peress li għandha l-iċken żieda fl-ispejjeż amministrattivi. Madankollu, din l-Alternattiva ta' Politika tista' tiġi kkunsidrata bħala sfida diffiċli f'termini ta' relazzjonijiet internazzjonali. L-Alternattiva ta' Politika 3 tevita dan l-impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet esterni, iżda tkompli żżid il-piż fuq il-baġit tal-UE. Din l-Alternattiva ta' Politika għandha żżomm piż amministrattiv simili għal dak tal-Alternattiva ta' Politika 1.
- Anke mil-lat soċjali, l-Alternattivi ta' Politika 2, 3 u 4 għandhom impatt simili. L-unika differenza kbira fl-effetti toħroġ mill-punt ta' kemm isir skrutinju tal-miżuri operattivi li jaffettwaw is-sikurezza tal-inġenju tal-ajru. F'dan ir-rigward, l-Alternattivi ta' Politika 2 u 3 jistgħu jitqiesu li huma simili ħafna.
- Fir-rigward tal-ambjent, l-Alternattiva ta' Politika 4 hija differenti ħafna minħabba l-potenzjal pjuttost għoli ta' impatti negattivi relatati ma' kompromessi bejn il-miżuri operattivi li jindirizzaw l-istorbju u t-tibdil fil-klima. Għal darba oħra, l-Alternattivi ta' Politika 2 u 3 jistgħu jitqiesu li huma ġeneralment simili fir-rigward tal-impatti ambjentali.

Tabella 2: Tabella ta' sommarju tal-impatti mqabbla mal-Alternattiva ta' Politika 1

	<i>Alternattiva ta' Politika 2</i>	<i>Alternattiva ta' Politika 3</i>	<i>Alternattiva ta' Politika 4</i>
Impatt fuq l-implimentazzjoni tal-Approċċ Bilanċjat	Medju	Medju	Kbir
Impatti ekonomiċi			
<i>Impatt fuq:</i>			
Il-funzjonament effiċjenti tan-network tal-avjazzjoni	Żgħir	Żgħir	Żgħir
Ajruporti	Medju	Medju	Żgħir
Operaturi tal-inġenji tal-ajru	Żgħir	Żgħir	Medju
Manifatturi ta' oqfsa u ta' magni tal-inġenji tal-ajru	Medju	Medju	Newtrali
Spejjeż amministrattivi	<i>Sa EUR 1 800 000/se na</i>	<i>Sa EUR 3,000,000/se na</i>	<i>Sa EUR 4,200,000/se na</i>
Baġit tal-UE	<i>Żgħir</i>	<i>Medju</i>	<i>Kbir</i>
Relazzjonijiet internazzjonali	<i>Kbir</i>	Żgħir	Medju
Impatti soċjali			
Impatt fuq il-governanza u parteċipazzjoni	Kbir	Kbir	Kbir
Impatt fuq il-livell u l-kundizzjonijiet tax-xogħol	Żgħir	Żgħir	Żgħir
Impatt fuq is-sikurezza	Żgħir	Medju	Medju
Impatti ambjentali			
Impatt fuq l-istorbju	Newtrali	Newtrali	Newtrali

Spjegazzjoni:

L-impatti negattivi huma indikati b'oranġjo skur u b'tipa grassa u korsiva.

“KBIR” jindika l-probabbiltà ta' impatti sinifikanti. “MEDJU” jew “ŻGĦIR” jindikaw probabbiltajiet iċken li jkun hemm impatti sinifikanti Fi kwalunkwe każ, id-daqs tal-impatt jiddependi fuq il-miżuri li jintgħażlu bid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet lokali u nazzjonali u tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

6. TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI

6.1. Koerenza

20. Kif indikat hawn fuq, l-Alternattiva ta' Politika 3 hija l-aktar waħda koerenti u li b'attenzjoni ssib bilanċ bejn l-inizjattivi biex tilħaq l-għanijiet speċifiċi tal-politika. Fl-ambitu ta' din l-Alternattiva ta' Politika mhu previst l-ebda impatt negattiv sinifikanti, u għalhekk din tirrappreżenta l-inqas kompromessi bejn is-settur ekonomiku, dak soċjali u dak ambjentali.

6.2. Effikaċja

21. It-Tabella 3 tagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-effikaċja tal-alternattivi ta' politika fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi tal-politika definiti fit-Taqsima 3. Din turi li mil-lat tal-effikaċja, ma tista' tiġi stabbilita ebda prijorità ċara. Madankollu, jidher li l-Alternattiva ta' Politika 3 hija l-aktar alternattiva bilanċjata, peress li toffri l-aktar taħlita xierqa ta' azzjonijiet biex jintlaħqu l-għanijiet definiti.

22. Fir-rigward tal-għan relatat mar-regoli dwar l-MCA, l-effikaċja tal-Alternattivi ta' Politika previsti tiddependi mil-livell ta' ambizzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tal-istorbju tal-inġenju tal-ajru. F'dan ir-rigward, l-Alternattiva ta' Politika 2 tidher li hija l-aħjar waħda peress li d-definizzjoni riveduta tal-MCA hija l-aktar waħda stretta, fis-sens li l-MCA se jkunu jinkorporaw inġenji tal-ajru li l-prestazzjoni tal-istorbju tagħhom hija inqas minn dik tal-Kapitolu 3-12 tal-istandard EPNdB u għalhekk hija qrib dik tal-inġenji tal-ajru tal-Kapitolu 4. Konsegwentement, l-Alternattiva ta' Politika 4 toffri l-inqas effikaċja, peress li hija l-inqas waħda ambizzjuża f'termini ta' prestazzjoni tal-istorbju ta' inġenji tal-ajru, filwaqt li l-Alternattiva ta' Politika 2 hija aħjar mill-Alternattiva ta' Politika 3.

23. Fir-rigward tal-għan relatat mal-introduzzjoni konsistenti ta' restrizzjonijiet operattivi f'ajruporti tal-UE, l-effikaċja tal-Alternattivi ta' Politika previsti tiddependi fuq il-livell ta' kontroll tal-kwalità mwettaq. F'dan ir-rigward, l-Alternattiva ta' Politika 4 toffri l-aħjar possibbiltajiet. Din l-alternattiva tibbenefika mill-fokus ferm aktar qawwi tagħha fuq il-qafas proċedurali, speċjalment minħabba s-sehem prominenti li l-Kummissjoni għandha fil-kontroll tal-kwalità tal-proċess tal-valutazzjoni. Effettivament, il-Kummissjoni se tkun inkarigata mill-iskrutinju obligatorju u mill-awtorizzazzjoni minn qabel ta' kwalunkwe restrizzjonijiet operattivi previsti fl-ajruporti tal-UE. Meta mqabbla mal-Alternattiva ta' Politika 4, l-Alternattiva ta' Politika 3 hija inqas effikaċi, minħabba li l-kontroll tal-kwalità ma jsirx b'mod sistematiku. Madankollu, għandha tippermetti lill-Kummissjoni biex tiffoka l-kontroll tal-kwalità tagħha fuq l-aktar restrizzjonijiet operattivi problematiċi. Huwa mistenni li l-Alternattiva ta' Politika 2 tkun l-inqas waħda effikaċi minħabba li

l-iskrutinju tal-kwalità tal-proċess tal-valutazzjoni jsir *ex post* permezz ta' proċeduri ta' ksur.

Tabella 3: L-effikaċja tal-Alternattivi ta' Politika previsti fid-dawl tal-għanijiet speċifiċi tal-politika

<i>Għanijiet speċifiċi tal-politika</i>	<i>Alternattiva ta' Politika 1</i>	<i>Alternattiva ta' Politika 2</i>	<i>Alternattiva ta' Politika 3</i>	<i>Alternattiva ta' Politika 4</i>
Ir-regoli speċifiċi dwar l-MCA għandhom isiru effikaċi billi: issir reviżjoni tad-definizzjoni li m'għadhiex tintuża ta' MCA jintgħażel perjodu korrispondenti xieraq għat-tneħħija gradwali	newtrali	għolja	medja	baxxa
Għandu jiġi żgurat li, f'ajruporti li għandhom problemi tal-istorbju relattivament simili, restrizzjonijiet operattivi simili jitqiesu b'mod konsistenti billi: jiġi ċċarat u speċifikat il-mod li bih għandu jitwettaq il-proċess tal-valutazzjoni tal-istorbju; jiġi msaħħaħ il-qafas proċedurali li jwassal għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi	newtrali	baxxa	medja - għolja	għolja

6.3. Effiċjenza

24. Meta jitqies li l-inizjattiva proposta hija ta' natura proċedurali, l-ispejjeż totali tal-alternattivi ta' Politika previsti jkopri spejjeż amministrattivi u spejjeż għall-baġit tal-UE.
25. Fid-dawl tal-istimi dettaljati ta' hawn fuq, l-Alternattiva ta' Politika 2 tidher li hija l-aktar waħda effiċjenti peress li teħtieġ l-iċken żieda fl-ispejjeż amministrattivi. Madankollu, din il-valutazzjoni ma tqisx l-ispejjeż potenzjali ta' xi kontroversja internazzjonali fis-suq tal-avjazzjoni tant globalizzat, li tista' taffettwa lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru tal-UE b'mod negattiv.

6.4. Konklużjoni

26. Fid-dawl ta' dan kollu, il-preferenza qed tingħata lill-Alternattiva ta' Politika 3. L-Alternattiva ta' Politika 3 tidher, b'mod partikolari fir-rigward tal-koerenza, li hija l-aktar Alternattiva ta' Politika adatta biex jintlaħqu l-għanijiet identifikati fit-Taqsima 3.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

27. Il-Kummissjoni għandha tevalwa u tirrevedi b'mod xieraq ir-Regolament ħames snin wara l-adozzjoni tiegħu Minbarra l-provi ppreżentati fil-qafas ta' proċedura ta' skrutinju jew ta' appell fuq każijiet partikolari, il-Kummissjoni se timmonitorja

b'mod kontinwu sett ta' indikaturi ewlenin li se jinżammu aġġornati biex tiġi vverifikata l-effikaċja tar-Regolament.

Tabella 4: Indikaturi tal-Monitoraġġ

<i>Indikaturi ewlenin</i>	<i>Definizzjoni</i>	<i>Rilevanza</i>
<i>Monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-istorbju ta' inġenji tal-ajru u tal-kwalità tal-politiki ta' ġestjoni tal-istorbju</i>		
<i>Ċertifikazzjoni tal-istorbju</i>	Dan l-indikatur jindika l-prestazzjoni tal-istorbju ta' inġenju tal-ajru ġdid	Dan l-indikatur jimmonitorja l-progress li jsir fil-prestazzjoni tal-istorbju ta' inġenju tal-ajru ġdid
<i>L-għadd ta' movimenti ta' MCA</i>	Dan l-indikatur jindika l-għadd ta' titjiriet li jsiru minn MCA fir-reġjun tal-ECAC (Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili) (jista' jiġi speċifikat għal kull ajruplan u linja tal-ajru)	Dan l-indikatur jindika t-tendenzi fl-użu ta' MCA.
<i>Deskrizzjoni fil-qosor tar-restrizzjonijiet operattivi u tattahlita ta' miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju</i>	Dan l-indikatur ġdid jiġbor l-informazzjoni minn pjanijiet ta' azzjoni dwar l-istorbju u minn pjanijiet ta' prestazzjoni dwar il-kwalità tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju	Dan l-indikatur għandu juri l-kwalità tal-proċess tal-valutazzjoni tal-istorbju.